MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 2076/2003

**Middlesea Insurance plc C 5553 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Rudolph Farrugia sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Rudolph Farrugia (ID402471M)**

**vs**

**Rudolph Cassar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta Ottubru 2003, fejn intalab li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ tliet mija u disgha u ghoxrin lira u sebgha u hamsin centemzu (Lm329.57) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-atturi f’incident stradali li sehh fit-18 ta Gunju 2001 f’Triq tal-Bizbizija Mosta bejn vettura numru ta registrazzjoni TOM 511 misjuqa minnek u proprjeta ta Karen Cassar u vettura numru ta registrazzjoni RMS 025 misjuqa minn Francis

Sammut u proprjeta` ta’ Rudolph Farrugia prevja dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-imsemmi ncident gara b’tort unikament tieghek minnhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghek.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali tal-5 ta Marzu 2003 u ta l-ittra ufficcjali prezentata kontestwalment ma dan l-avviz kontra s-socjeta assikuratrici tieghek kontra l-konvenut ngunt minn issa ghas-subizzjoni;

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta Novembru 2003 fejn bazikament huwa kkontesta t-talba tal-atturi fis-sens li huwa ma kellu ebda responsabbilita ghall-incident in kwistjoni;

Ra d-digriet ta’ dan it-Tribunal kif diversament presjedut datat 17 ta’ Novembru 2003 fejn laqa t-talba ta’ l-atturi sabiex il-provi ta’ din l-kawza jinstemghu kontestwalment ma’ dawk tal-avviz numru 1921/03 u difatti dina l-kawza odjerna ntbghatet it-Tribunal li kien qed jisma l-imsemmi avviz numru 1921/03 ai termini tal-artikolu 792 Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra l-provi kollha mressqa fl-imsemmija zewg kawzi.

It-Tribunal a skans ta’ repetizzjoni jaghmel referenza wkoll ghal konsiderazzjonijiet minnu maghmula fil-kawza l-ohra bin-numru 1921/03;

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi jiddikjara liz-zewg sewwieqa bhala responsabbli f’sehem indaqs ghall-incident mertu ta’ din il-kawza u konsegwentement ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi nofs is-somma rikjesta cioe l-ammont ta **Lm164.785** bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta’ din is-sentenza, filwaqt li l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------